# Miċu
# Joe Friggieri
***(mill-ktieb "Aktar Stejjer tar-Ronnie", Malta University Publishing, 2010)***

Hu u ġej lura mix-xogħol ir-Ronnie ra folla nies tħares lejn is-sema u waqaf biex jara x'ġara.

"Mrs Grech ħarbilha l-qattus, tela' hemm fuq, u ma jistax jinżel. Isimgħu x'jibki."

'Hemm fuq' kien il-bejt ta' dar qadima b'żewġ sulari li kienet ilha magħluqa s-snin u li kienet qed taqa' biċċa biċċa.

"Min jaf kieku titla' tara taqbdux?" fenda Ġorġ l-Għawdxi kif ra lir-Ronnie b'rasu mgħollija. "Jien għandi dahri maqsum, għax kieku ili li tlajt."

"U jien ukoll," kompla l-Avukat Chircop, "imma jekk nitla' fl-għoli nibża' li jtini l-mejt u naqa' għal isfel."

"Hekk le," żiedet il-mara tas-Surġent Gatt, li kellha ħobża f'id waħda u basket mimli basal fl-oħra. "Aħjar imut il-qattus milli tmut int."

"Aħjar ma jmut ħadd," ħatfitha n-neputija ta' Mrs Grech, li kienet taf x'kien ifisser dak il-qattus għal zitha.

"X'taħseb, Ronnie?" reġa' Ġorg l-Għawdxi meta ra li kulħadd qal dak li kellu jgħid.

"Jien kieku nitla', imma m'għandix sellum," wieġbu r-Ronnie bit-tama li b'hekk jeħlisha ħafif.

"Għal daqshekk malajr nirranġaw. Norbtu żewġ slielem flimkien u naslu."

F'kemm trodd salib hekk għamlu. U r-Ronnie sab ruħu b'sieqU fuq l-ewwel skaluna.

**L-Ewwel Sena**

"Itla', itla', tħabbel rasek xejn," għamillu l-qalb Ġorġ. "Jien se nżommlok is-sellum biex ma jiżżerżaqx. Itla' bil-mod u tħarisx 'l isfel."

Skaluna wara l-oħra r-Ronnie wasal fuq il-bejt.

"Ara fejn tmidd riġlejk għax ix-xorok imkissrin u tibqa' nieżel," ipprova jiftaħlu għajnejh l-Avukat Chircop.

"Hemm qiegħed il-Miċu?" riedet tkun taf in-neputija ta' Mrs Grech.

"Oqgħod attent li ma nagħmlux xi storja," wissietu l-mara tas-Surġent Gatt.

Ir-Ronnie ma semagħhomx.

Malli l-qattus induna li kien hemm xi ħadd fil-qrib, ma baqax inewwaħ. Imbagħad reġa' beda. Ir-Ronnie mexa bil-mod lejn tank kollu sadid in-naħa l-oħra taċ-ċint, tela' fuq ġebla, għola fuq il-ponot ta' subgħajh, żamm max-xifer tat-tank u ttawwal għal ġewwa.

"Hemm xi dħalt tagħmel?" staqsa lill-qattus malli lemħu. Imbagħad kompla jitkellem waħdu. "Tgħidli qalbi xamm xi ġurdien, qabeż warajh fit-tank, imbagħad ma setax joħroġ. Dejjem hekk jagħmlu."

Malli sema' l-kliem, il-qattus beda jiġri mwerwer minn naħa għal oħra tat-tank. Imbagħad waqaf, dawwar rasu 'l fuq, u baqa' jħares iċċassat b'għajnejh imberrqa lejn dik ir-ras kbira li għattietlu l-ftit dawl li kien baqa' fis-sema wara nżul ix-xemx.

"Issa x'se nagħmlu biex noħorġuk minn hemm?" ħabbel rasu r-Ronnie.

Fil-qrib kien hemm satal taż-żingu b'ħabel irqiq mitluq maġenbu. Meta kien waqagħlu l-qattus fil-bir hekk kien salvah. Min jaf dan jafx daqs l-ieħor? Rabat il-ħabel mal-għalaq tas-satal u niżżlu bil-mod f'qiegħ it-tank. Il-qattus daħal fil-barmil u r-Ronnie beda jiġbdu 'l fuq qisu qed itella' l-ilma.

**L-Ewwel Sena**

Kif ra li l-qattus wasal f'xifer it-tank, ir-Ronnie pprova jaqbdu, il-qattus girfu girfa fonda f'wiċċu, tar mis-satal u ħarab jiġri jaqbeż il-bjut fi triqtu lejn il-bejt ta' Mrs Grech.

Bid-demm iċarċar ma' wiċċu r-Ronnie għolla siequ fuq iċ-ċint u reġa' beda nieżel mas-sellum.

"Mid-dehra m'għamilna xejn," gerger l-Għawdxi meta rah nieżel.

"Jien għedtilkom li ma jinqalax. Ma nafx x'fettlilkom tgħidu lilu," kompla l-Avukat Chircop.

"Kieku ma kellix dahri maqsum, kont nitla' jien."

"U kieku mhux għax inbati bil-mejt, kieku ili li salvajtu."

Kif wasal fuq l-aħħar skaluna mart is-Surġent Gatt indunat li kellu girfa kbira f'wiċċu.

"Hemm xi ġralek, Ronnie?" qaltlu b'idha ma' geddumha.

"Girifni u ħarab."

"Mela sibtu?"
"Sibtu, salvajtu, u ħarab."

"Mela stajt ma salvajtu xejn," qallu b'daħqa kiesħa l-Avukat Chircop.

"Mur xarrabha Ron, u agħmlilha xi ħaġa biex ma tiddennilekx," qaltlu mart is-Surġent Gatt, li donnha kienet l-unika waħda li tħassritu.

Ir-Ronnie kien ġa dar il-kantuniera u n-nies ġa kienet bdiet titferrex meta waslet bla nifs fuq il-post in-neputija ta' Mrs Grech, li kienet marret tgħidilha x'qed jiġri.

"Il-Miċu ġie lura! Iz-zija semgħetu jibki fuq il-bejt u telgħet tiftaħlu. Kemm feraħ meta raha! U hi wkoll, kemm bkiet meta ratu!"

**L-Ewwel Sena**

“Dawn l-annimali bravi wisq,” kompla magħha s-Sindku Parnis Marmarà li kien għadu kemm sema’ l-istorja. “Kemm jafu jsibuha t-triq meta jintilfu!”

“Jifhmu aktar mill-bnedmin. Jien għandi qattus...”

U baqgħu sejrin hekk.

Fil-kamra tal-banju r-Ronnie kien qed jagħfas xugaman ma’ wiċċu biex jipprova jwaqqaf id-demm.